# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF

## Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)

Illum 21 ta' Marzu, 2018

Rikors Nru : 509/17 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz teighu ppremettiet :

1 Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Dok A) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness) in forza ta' Digriet

moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat erbgha (4) ta’ Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2013);

4. Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erbgha snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;
5. Illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni ( klawsola 4) il-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex li din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha jissottometti:

1. Illi l-istess esponent ma jopponix ghall-ottjeniment tad-divorzju kif mitlub mir-rikorrenti;
2. Illi in rigward Dokument A li gie pprezentat flimkien mar-rikors odjern, dan ma jikkonfermax id-data taz-zwieg bejn il-partijiet;
3. Illi l-esponent qieghed jesebixxi kopja tal-affidavit tieghu (hawn anness u mmarkat bhala Dok OK1);
4. Illi ir-Registratur tal-Qorti ghandu jara li l-istess sentenza ta’ divorzju tigi registrata mad-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini ta’ u fil-perjodu kif impost mil-ligi;

Salv risposta ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Jannar, 2018;

Rat l-affidavit tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta’ Dicembru 2013;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.